MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 85/2007

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Silvio Zammit**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), ammont lilu misluf brevi manu in konnessjoni man-negozju tieghu u li huwa ma rritornax minkejja interpellazzjonijiet f'dan l-sens. Illi s-somma in kwistjoni hija certa, likwida u dovuta bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata l-4 ta' Mejju tas-sena 2006;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-20 ta' Novembru tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited bl-ispejjez kontra l-konvenut Silvio Zammit.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------